# Inqajmu aktar għarfien dwar l-abbuż fuq l-anzjani

Raġel anzjan ta' 86 sena xtaq li jibqa' jgħix f'daru minkejja li kellu bżonn lil xi ħadd biex jgħinu fil-ħajja ta' kuljum. Kien għalhekk li n-neputija tiegħu offriet li tmur toqgħod għandu d-dar biex tkun tista' tagħtih daqqa t'id. Billi r-raġel kellu diffikultajiet ta' mobilità, kien ikollu bżonn ħafna għajnuna. Fil-bidu, in-neputija tiegħu kienet tkun ġentili ħafna sakemm maż-żmien bdiet titlef il-paċenzja, b'riżultat li kienet ta' spiss tgħajjat u anke tweġġa' fiżikament u emozzjonalment lil zijuha.

F'jum minnhom, waħda mill-ġirien ċemplet lill-pulizija wara li kienet semgħet lir-raġel anzjan jokrob bl-uġigħ. Meta l-pulizija marru d-dar tar-raġel, sabuh fl-art b'rasu maqsuma. Huwa kien ilu jumejn fl-art wara li n-neputija tiegħu f'mument ta' rabja mbuttatu u telqet mid-dar.

Din l-istorja hija waħda mill-ħafna tipi ta' stejjer differenti relatati mal-abbuż fuq l-anzjani li qegħdin jiġru mhux biss f'pajjiżna imma f'ħafna pajjiżi oħra madwar id-dinja. Fil-fatt, 1 minn kull 6 nisa u rġiel anzjani madwar id-dinja jesperjenzaw abbuż, filwaqt li minnhom 4% biss tal-każi jiġu rrappurtati. L-abbuż fuq l-anzjani għandu forom differenti bħal abbuż fiżiku, psikoloġiku, emozzjonali, sesswali jew finanzjarju.

Huwa f'dan il-kuntest li l-Ġnus Magħquda fil-15 ta' Ġunju ta' kull sena tfakkar 'Il-Jum Dinji għall-għarfien dwar l-abbuż fuq l-anzjani' bil-għan li jitrażżan kemm jista' jkun dan l-abbuż, bit-tema ta' din is-sena tkun 'Nindirizzaw il-vjolenza abbażi ta' ġeneru fl-età anzjana' fl-isfond, li minħabba l-poter u l-kontroll f'soċjetà patrijarkali, in-nisa anzjani huma aktar suġġetti għal vjolenza. Bħalissa l-Ġnus Magħquda qiegħda taħdem ukoll sabiex tfassal il-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tal-persuni anzjani.

Din il-Konvenzjoni mistennija tafferma mill-ġdid li l-individwi, tkun xi tkun l-età tagħhom, huma ugwali fis-soċjetà u għandhom id-dritt li jgħixu ħajjithom b'mod liberu 'l bogħod mill-abbuż. L-għan ta' din il-Konvenzjoni se jkun tista' tgħin sabiex jinbidlu l-liġijiet, il-politiki u s-servizzi li joħolqu żvantaġġ lill-persuni anzjani.

Fuq livell Ewropew ukoll qiegħda ssir ħidma sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet tal-persuni anzjani. Fil-fatt, il-Pjattaforma Ewropea AGE taħdem mhux biss sabiex tqajjem aktar għarfien dwar l-abbuż fuq l-anzjani iżda wkoll biex jiġu indirizzati l-isterjotipi relatati mal-età.

F'Malta aktar kmieni din is-sena, il-Ministeru għall-Anzjanità Attiva nieda l-Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva 2023 – 2030 fid-dawl tal-fatt li fit-tletin sena li ġejjin mistenni li f'pajjiżna, il-popolazzjoni ta' persuni li għandhom 80 sena jew aktar mistennija titripla. L-għan ewlieni ta' din l-istrateġija hija li tipproteġi d-drittijiet ta' persuni akbar fl-età filwaqt li telimina d-diskriminazzjoni minħabba l-età, l-esklużjoni soċjali u s-solitudni, u l-abbuż. Din l-istraġeija tinkludi għadd ta' miżuri bil-għan li jitrażżan l-abbuż fuq l-anzjani, fosthom bil-ħolqien ta' ċentru għar-rappurtaġġ tal-abbuż u servizz għall-appoġġ tal-vittmi għall-anzjani, li jingħata taħriġ lill-professjonisti biex jitgħallmu kif għandhom jagħrfu l-abbuż kontra l-anzjani u jirrappurtawh, u li jsiru kampanji nazzjonali ta' għarfien għall-anzjani biex jidentifikaw sinjali ta' frodi fost oħrajn. Aktar kmieni din is-sena bdiet ukoll tiġi diskussa proposta sabiex jibda jinżamm reġistru li fih jitniżżlu l-ismijiet ta' dawk ikkundannati mill-qorti għal reati marbuta mal-abbuż tal-anzjani.

Li nqajmu kuxjenza dwar l-abbuż fuq l-anzjani huwa importanti minħabba l-konsegwenzi severi li dan iħalli fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom, bħal korrimenti fiżiċi u dipressjoni fost oħrajn. Għaldaqstant, il-konsegwenzi tal-abbuż jistgħu jkunu partikolarment serji fuq l-anzjani u l-irkupru jista' jieħu fit-tul. Fuq kollox huwa importanti li nżommu kuntatt kontinwu mal-anzjani u nagħtuhom l-għajnuna meta jkun meħtieġ billi nirrappurtaw każi ta' abbuż. Min-naħa l-oħra l-anzjani li qegħdin isofru minn xi tip ta' abbuż jeħtieġ li jitkellmu dwar dan ma' xi ħadd tal-fiduċja tagħhom.

Is-soċjetà Maltija fil-maġġoranza tagħha minn dejjem uriet rispett lejn l-anzjani b'apprezzament għal kontribuzzjoni li jkunu taw matul ħajjiethom mhux biss fuq il-post tax-xogħol imma wkoll fit-trobbija tal-familja tagħhom u dik ta' wliedhom. Fl-isfond li l-popolazzjoni anzjana qiegħda dejjem tikber huwa importanti li nsaħħu dan l-apprezzament u nkomplu naħdmu sabiex niżguraw li l-anzjani tagħna jkomplu jgħixu ħajjithom b'mod dinjituż mingħajr biża u lil hinn minn kull forma ta' abbuż.

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2276 8200, equality@gov.mt jew fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali tal-NCPE (Facebook, Instagram u Twitter - NCPE.Malta)*

**15 ta' Ġunju 2023**